# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Gunju, 2017**

**Kawza Numru: 16**
**Rikors Numru: 176/2012JPG**

**Anthony (ID 546543M) u Filomena sive Phyllis (ID 313148M) konjugi Sciberras**

**Vs**

**Angelo u Connie konjugi D' Amato**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramenta ta' Anthony u Phyllis konjugi Sciberras, datat 20 ta' Frar 2012, (a fol 1 et seq), li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti huma l-propjetarji tal-fond numru 307, Triq l-Isqof Caruana, Haz-Zebbug, liema fond huwa sovrappost ghal garaxx proprjeta tal-konvenuti, u jservi bhala d-dar t' abitazzjoni ta' l-esponenti.*

*Illi l-fond surreferit kien gie ikkostruwit mill-konvenut Angelo D'Amato fuq parti ta' art li kienet kollha propjeta tieghu stess. Il-fond hekk kostruwit kellu diversi twieqi li jaghtu ghall fuq l-parti retroposta ta' l-art mhux zviluppata tal-konvenuti.*

*Illi madwar is-sena 1995 l-konvenuti bnew blokk ta' bini fuq dik il-parti rimanenti ta' l-art surreferita, liema bini illum ghandu l-isem ta' 'Vent d' Etre', Triq Guze Abela, Haz-Zebbug.*

*Illi l-konvenut naqas milli josserva d-distanza legali bejn iz-zewg binijiet u fetah ghadd ta' twieqi li jaghtu direttament ghal fuq il-fond ta' l-esponenti, kif ukoll naqas milli jtella hajt divizorju bejn dawn l-istess propjetajiet kif hekk rikjest mil-ligi.*

*Illi b'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet qeghdin jigu gravement ippregudikati l-interessi tal-esponenti li qeghdin ta' kuljum isofru introspezzjoni fil-fond proprjeta taghhom.*

*Illi inoltre gie krejat servitu ta' aperturi fil-konfront tal-fon ta'l-atturi, lieam servitu hija illegali u l-konvenuti m'ghandhomx jedd ghalih.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti, il-ghala dina l-Onorabbli Qorti m' ghandiex, ghar-ragunijiet suesposti:*

1. *Tiddikjara illi l-fond tal-konvenuti ghandu diversi aperturi u xogholijiet ohra ta' natura abuziva fil-konfront tal-fond ta' l-atturi, u konsegwentement ukoll leziva tad-drittijiet proprjetarji tal-esponenti;*

2. *Tikkundana lill-konvenuti sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jaghmlu dawk ix-xogholijiet rimedjali necessarji sabiex jeliminaw l-inkonvenjent soffert mill-esponenti minhabba n-nuqqasijiet serji fil-kostruzzjoni tal-fond ta' l-istess konvenuti, fosthom, imma mhux limitatament, billi jigu ordnati jirretrocedu ghad-distanza regolamentari u billi jaghlqu d-diversi aperturi kawza tal-introspezzjoni sofferta mill-esponenti, u dana taht is-supervizjoni ta' perit nominandi;*

3. *Tawtorizza lill-esponenti li, f'kaz li l-konvenuti jonqsu milli jaghmlu x-xogholijiet rimedjali lilhom ordnati, huma jaghmlu x-xogholijiet necessarji taht d-direzzjoni ta' perit nominandi u dana a spejjez tal-konvenuti.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smiegh gie notifikat skont il-Ligi.

Rat ir-risposta guramenta u kontro-talba tal-intimati Angelo u Connie konjugi D'Amato datata 12 ta' April, 2012 (Vide Fol 11 et seq) li taqra hekk:

*Jesponu bir-rispett u Angelo D'Amato jikkonferma bil-gurament:*

1. *Preliminarjament, illi l-esponenti mhumiex il-legittimi kontradittturi billi huma mhux propjetarji tal-fond "Vent d'Etre", Triq Guze' Abela, Haz-Zebbug.*

2. *Illi l-binja li kienu tellghu l-intimati u t-twieqi fl-istess binja huma f'distanzi legali u sanitarji u skond il-permessi tal-MEPA (dak iz-zmien Planning Authority) u ghalhekk mhux illegali jew abbuzivi.*

3. *Huma l-istess konvenuti illi ghandhom propjeta' taghhom gravata b'servitu' u t-talba tar-rikorrenti tammonta ghall-aggravazzjoni tal-istess servitu' – liema talba ghalhekk tmur kontra l-Ligi.*

Kontrotalba tal-intimati Angelo u Connie konjugi D'Amato (ID 807447M u 821849M rispettivament).

*Jesponu bir-rispett u Angelo D'Amato jikkonferma bil-gurament:*

1. *Illi huma propjetarji ta' fond terran (bla numru u bla isem) fi Triq Guze' Abela, Haz-Zebbug, liema fond ghandu bitha u l-arja rispettiva taghha; jghatu fuq dina l-bitha hemm twieqi mill-fond tar-rikorrenti – liema twieqi infethu meta l-intimati*

*kienu propjetarji tal-art kollha, kemm fuq dik il-parti fejn inbniet il-binja, illum propjeta' tar-rikorrenti, u kemm fuq l-parti tal-art retroposta ghal din il-binja;*

2. *Illi fis-snin recenti, ir-rikorrenti illegalment u abbuzivament qeghdu: (a) hadid quddiem it-twieqi, liema hadid jisporgu circa pied il-barra fl-arja propjeta' tal-intimati; (b) minn gol-hajt divizorju hargu jisporgu gol-istess arja tal-bitha, propjeta' tal-intimati, kanna tal-ilma u katusa tad-drenagg mill-kcina tar-rikorrenti; u (c) 'wires';*

3. *Illi r-rikorrenti ghandhom l-hajt li jiddividi l-bejt taghhom mill-arja fuq il-bitha propjeta' tal-intimati li huwa inqas minn metru u tmenin centimetru;*

4. *Illi kemm verbalment u kemm permezz ta' ittra, ir-rikorrenti gew interpellati sabiex jreggaw lura l-hadid sporgut quddiem it-twieqi, kanna tal-ilma, l-katusa tad-drenagg u 'wires' sporguti mill-hajt divizorju fl-arja taghhom, izda r-rikorrenti baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk ir-rikorrenti ghaliex din il-Qorti, ghar-ragunijiet suesposti, ma ghandiex:*

1. *Tiddikjara illi l-hadid quddiem it-twieqi tal-fond tar-rikorrenti kif ukoll kanna tal-ilma u katusa tad-drenagg mill-kcina tal-fond tar-rikorrenti u 'wires' maghmula mill istess rikorrenti jinvadu l-arja propjeta' tal-intimati u ghalhekk huma illegali u abbuzivi;*

2. *Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex fi zmien qasir u perentorju li tipprefiggi din il-Qorti, jnehhu l-istess hadid, kanna tal-ilma, katusa tad-drenagg u 'wires' minn gol-arja propjeta' tal-intimati;*

3. *Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex fl-istess zmien jghollu a spejjez taghhom il-hajt divizorju li jifred il-bejt mill-propjketa' tal-intimati sa metro u tmenin centimetru a tenur tal-Art. 427 tal-Kodici Civili; u*

4. *Tawtorizza lill-esponenti li f'kaz li r-rikorrenti jonqsu milli jnehhu l-istess hadid, kanna, katusa u wires u/jew jonqsu li jghollu l-hajt divizorju sal-gholi stabbilit mill-Ligi fit-terminu prefiss, jghamlu x-xoghol ordnat mill-Qorti u dana a spejjez tal-istess rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony u Phyllis konjugi Sciberras datata 11 ta' Gunju 2012 (Vide Fol 20 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi it-talbiet rikonvenjonali tal-konvenuti huma nulli stante li tali kontro-talba ma hijiex konnessa mat-talba attrici, kif irid l-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonali huma ukoll nulli peress li ma humiex preceduti bid-dikjarazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 156(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi a bazi ta' l-att ta' l-akwist ta' l-esponenti huma ghandhom kull dritt li jqabdu l-dranagg taghhom mas-sistema tad-dranagg tal-fond sottopost, propjeta tal-konvenuti, liema sistema tinsab fil-bitha tal-fond tal-konvenuti rikonvenzjonanti;*

5. *Illi l-hadid quddiem it-twieqi saru mill-esponenti sabiex jipprotegu l-propjeta taghhom u dana b' konsegwenza tal-kostruzzjoni illegali tal-fond tal-konvenuti li l-esponenti qeghdin, permezz tat-talba principali taghhom, jitolbu lill-Qorti tordna lir-rikonvenjonanti sabiex jirregolaw il-qaghda tieghu skond il-ligi;*

6. *Illi b' referenza ghat-tielet talba rikonvenzjonali dwar l-oghli ta' l-opra morta l-esponenti jeccepixxu illi l-oghli tieghu huwa skond kif gie kostruwit mill-istess atturi u thalla f' dik l-istess pozizzjoni;*

7. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Frar, 2014 fejn gie nominat il-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jisma l-provi, jaghmel il-pjanti necessarji u jirrelata dwar it-talbiet tal-patijiet inkluz il-kontro-talba.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi Anthony (ID 546543M) u Filomena Sive Phyllis (ID 313148M) konjugi Sciberras, datata 30 ta' Novembru 2016 (vide fol 147 et seq);

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati Angela u Connie konjugi D'Amato (ID 807447M u 821849M rispettivament), datata 3 ta' Frar 2017, (vide fol 159 et seq);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

L-intimat **Angelo D'Amato** xehed a fol 27 *et seq* illi l-parti ta' fuq tal-fond kien bniha hu u trasferiha lil bintu permezz tad-dokument mmarkat Dok AA1, filwaqt li huwa baqa' l-proprjetarju u jokkupa l-fond sottostanti, li kien bnieh hu wkoll.

Xehed a fol 99 illi hu kien biegh il-fond li issa jappartjeni lir-rikorrenti lil certu Harmsworth fi stat gebel u saqaf, u l-kuntratt kien jistipola illi d-drenagg ried jghaddi mill-garaxx sottostanti ghall-fond. Spjega illi pero d-*drain* tal-kcina tar-rikorrenti inhareg go *vent* tas-sistema tad-drenagg tieghu, u l-*gulley* kien ifur u per konsegwenza ttebbalu l-madum tal-bitha tieghu. Kompla illi hemm anke *pipe* tas-servizz tal-ilma u *wires* tat-telephone li qeghdin fl-arja tal-bitha tal-intimati, kif ukoll li l-ferrati tat-twieqi qieghdin jisporgu fuq l-arja tal-intimati. Zied ukoll illi huma jezigu li r-rikorrenti jghollu l-opramorta taghhom, ghax jistghu jittawlu ghand l-intimati.

Spjega illi originarjament kellu zewg *plots* dahar ma dahar, u l-ewwel li bena kien il-fond tar-rikorrenti u l-garaxx kif kellu bzonnu hu. Kompla li sussegwentement tella' post fuq il-garaxx bl-intenzjonni li jghixu fih hu u l-familja tieghu, u ghall-ewwel ma riedx ibieghu, minkejja l-pressjoni tar-rikorrenti, ghaliex dak iz-zmien kien ghadu joqghod mal-kunjata. Xehed ukoll illi meta gie biex jibni il-fond in kwistjoni kien inkariga l-Perit AIC Charles Buhagiar, inhareg il-permess necessarju mill-MEPA u l-fond inbena skont il-permess. Spjega illi hu bena zewg *maisonettes,* u ta l-mezzanin ta' fuq lil bintu, filwaqt li l-mezznin t'isfel ghadu gebel u saqaf.

**Filomena Sciberras** xehdet a fol 35 *et seq* illi hi dejjem kienet tkellem lill-intimat Angelo D'Amato dwar il-kwistjoni mertu ta' din il-kawza u huwa qatt ma kien infurmaha illi ma kienx is-sid tal-fond in kwistjoni. Xehdet ukoll illi l-proprjeta Vent d' Etre' ghaliha hija l-blokka kollha.

**In kontro-ezami** a fol 36 *et seq* qablet illi l-fond proprjeta tar-rikorrenti kien bnieh l-intimat u hi kienet xtratu minghand ohtha li minn naha taghha kienet xtratu minghand l-intimat. Xehdet illi hi ma dehrilix li kellha bzonn tmur l-insinwa biex tikkonferma li l-proprjeta hija tal-intimati ghaliex Angelo D'Amato dejjem kien jirrispondi meta kienet jkellmuh fuq il-kwistjoni. Spjegat illi l-kwistjoni kollha tikkoncerna n-naha ta' wara tad-dar, **ghaliex l-intimati bnew go fihom tant illi jekk tohroh idejha tkun tista' tmiss il-hajt tal-intimati.** Xehdet illi fil-fond tar-rikorrenti **ma nbidel xejn ghal dawn l-ahhar tletin sena**, u saru tibdilet biss fil-fond tal-intimati, u cioe t-tibdiliet lamentati li saru fl-1995. Spjegat illi filfatt kienu ilhom minn dak iz-zmien jghidu lill-intimati biex jirrangaw l-irregolarita kommessa minnhom. Xehdet illi qabel ma saru t-tibdiliet in kwistjoni, it-twieqi ta' wara kien jinfethu fuq bicca art miftuha.

Xehdet ukoll permezz ta' **affidavit** a fol 44 illi hi u zewgha akkwistaw il-mezzanin St Anthony fi Triq Isqof Caruana, Zebbug fit-3 ta' Settembru 1982 u minn dak iz-zmien ma sar l-ebda tibdil strutturali. Dan il-fond kienu xtrawh minghand Carol Harmsworth li tigi oht zewgha, u Harmsworth kienet xtratu minghand l-intimat Angelo D'Amati, li kien bena l-fond huwa stess. Spjegat illi l-fond huwa sovrastanti ghal garaxx proprjeta tal-intimati, u fuq il-parti ta' wara tal-fond, li taghti ghall-fond tal-intimati, ghandhom twieqi, quddiem liema ma kien hemm l-ebda zvilupp sal-1995. Spjegat illi fl-1995 l-

intimati bdew jizviluppaw din l-ghalqa, tant illi peress li kellhom isiefru f'Awissu kienu ghamlu l-hadid mat-twieqi minhabba ragunijiet ta' sigurta. Minn meta kien qed jibni l-intimat, huma kienu diga bdew jirrimarkaw li kien qed jibni qrib wisq taghhom u kienu avvicinawh biex jgharrfuh b'dan, izda hu kien qalilhom li jekk b'xi mod iwaqfuh kien ser iffitixhom ta' kull gurnata li jibqa' wieqaf. Ghalhekk ma komplewx jargumentaw mieghu. Kompliet li kien inkarigaw lil Perit Stephen Bonello biex jispezzjona x-xogholijiet, u l-Perit mill-ewwel qalilhom li l-bini ma kienx qed isir b'mod regolari, izda peress li kien kwazi lest l-unika haga li setghu jaghmlu kienet li jkellmu avukat u jmorru l-Qorti. Ziedet li sakemm il-post li nbena baqa' vojt ma tantx kellhom inkwiet, izda meta dahhlu joqghodu fih in-nies, lanqas fis-sajf ma setghu jifthu t-twieqi peress illi l-proprjetajiet kienu vicin wisq. Xehdet li ftit ta' snin qabel ma nfethet il-kawza kienet kellmet lill-intimata li kienet qaltilha li kellhom jaghlqu t-twieqi, inehhu l-kmamar u jikkonvertuhom f'bitha, u huma kienu lesti li jghinhom fix-xogholijiet tal-gebel. Ghalhekk kienu marru ghand avukat, u wara li giet skambjata korrispondenza, kienu irrikorew ghal dawn il-proceduri, ghaliex minhabba l-mod kif bnew l-intimati huma issa qieghdin f'sitwazzjoni bejn ma jistghux ibieghu l-proprjeta taghhom jekk jinqala' l-bzonn.

**In kontro-ezami** a fol 107 *et seq* ikkonfermat illi meta xtraw il-post minghand Harmsworth il-fond kien lest minn kollox, inkluz l-aperturi, izda kien ghad jonqos li jghaddu l-*wires* tad-dawl mill-pipijiet. Xehdet illi lill-intimati kienu qalulhom kemm ser johrog il-barra il-hadid biex ikunu jistghu jifthu t-twieqi. Xehdet ukoll illi huma m'ghandhomx *gulley* izda pipe ghaddej mill-hajt taghhom stess, li sar hmistax -il sena qabel ma bnew l-intimati.

**Charles sive Carol Harmsworth** xehed permezz ta' affidavit a fol 46 illi hu jigi hu r-rikorrent u kien xtara l-proprjeta li issa tappartjeni lir-rikorrenti minghand l-intimat, wara li kien bnieha l-istess intimat, u mbaghad kien biegh l-istess proprjeta lir-rikorrenti, liema proprjeta hija sovrastanti garaxx tal-istess intimat, **u wara liema, hemm ghalqa li wkoll hija proprjeta tal-intimat**. Xehed li l-fond baqa' l-istess sa minn mindu xtrah hu, u cioe mill-1980, u dan inkluz it-twieqi u l-komunikazzjoni tad-drenagg u l-ilma tax-xita. Xehed ukoll illi fl-1995 l-intimat kien zviluppa l-proprjeta tieghu u ma zammx bizzejjed distanza minn mal-fond tar-rikorrenti.

**In kontro-ezami** xehed a fol 108 *et seq* illi meta xtara l-post hu kien gebel u saqaf, pero kien bieghu lir-rikorrenti *finished,* u illi hu ghamel uzu mill-istess servizzi li uza l-intimat li kien bena l-post ghalih. Xehed illi hemm *inspection hole* li kien ghamel hu u *vent*, izda llum tkisser kollox. Xehed ukoll illi l-katusa li kien qabbad maghha kienet tinsab fin-nofs tal-garaxx u x-xoghol kien sar minnu fil-presenza tal-intimati, li l-intimat qatt ma qallu li x-xoghol kien qed isir hazin. Spjega illi mill-hajt il-barra huwa tal-intmati, u hemm *gulley* fil-bitha ta' wara l-post li trid titfa ghal go fih. Spjega illi r-rieha tad-drenagg grat ghaliex meta l-intimat kisser il-medda, tefa l-ilma tax-xita ma' dak tad-drenagg, izda kienu marru tas-Sanita u llum is-sistema qieghda tajba.

**Aldo Magro, principal fid-Dipartiment tas-Sahha,** xehed a fol 110 *et seq* illi d-dipartiment kienu dahhlulu zewg ilment fl-istess xahar, u cioe wiehed mir-rikorrenti minhabba problemi ta' rwejjaq mill-katusa tax-xita, u l-iehor minghand l-intimat minhabba perkolazzjoni fil-garaxx. Xehed illi meta mar jaghmel spezzjoni sab li l-intimat kien ghamel drenagg gdid, is-sistemi tax-xita u drenagg kienu separati, u ma sabx problemi ghajr illi meta tefa l-kulur fis-sistem tax-xita l-iskular beda hiereg minn diversi gonot ghaliex il-kanen ma kienux gew inkollati. Zied illi meta rega mar gimgha wara, kollox kien gie ssigilat. Fir-rigward tas-sistema ta' drenagg, xehed illi ma kienx sab problemi.

**In kontro-ezami** a fol 111 xehed illi l-*gulley* huwa konness mal-medda li ghaddejja mill-garaxx, u lanqas ghal din ma kien hemm talba ghal approvazzjoni ghaliex il-katusa kienet hemm.

**Il-Perit Charles Buhagiar** xehed a fol 113 *et seq* illi hu kien gie inkarigat mill-intimati biex jaghmlu xi xogolijiet fi plot fo New Street, off Triq l-Muxi, Zebbug. Xehed illi l-applikazzjoni relattiva kienet bin-numru PA2151/94 u din kienet giet approvata fid-9 ta' Awissu 1994. Xehed illi t-twieqi li saru fil-binja tal-intimati huwa skont u jirrispekkjaw dak li gie aprovat fil-peress u skont is-sanita.

**In kontro-ezami** a fol 117 *et seq* ikkonferma illi l-proprjeta tar-rikorrenti tmiss mal-hajt *slanting* li hemm faccata tal-kamra tas-sodda li hemm biswit il-kcina. **Ikkonferma illi l-proprjeta tar-rikorrenti kienet zviluppata meta giet intavolata l-applikazzjoni**

**msemmija,** u spjega illi l-MEPA tippermetti li jkun hemm twieqi jaghtu ghall-istess bitha **galadarba l-izvilupp isir mill-istess persuna**. Xehed illi **kieku kien hemm twieqi meta saret l-applikzzjoni il-probabilita hi li kienu jigu indikati**. Ma ftakarx illi ghamel xi forma ta' dikjarazzjoni fis-sens illi **l-bitha ta' wara kienet ser isservi ghal zewg fondi separati.**

**Ikkonsidrat**

Permezz tal-eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati ecceppew illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza peress illi m'humiex il-proprjetarji ta' Vent d'Etre. Triq Guze Abela, Haz-Zebbug.

Jibda biex jinghad illi filwaqt li l-intimati ressqu din l-eccezzjoni illi huma m'humiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza, l-istess intimati intavolaw kontro-talba kontra r-rikorrenti ghar-rigward ta' twieqi, katusi, wires, u hajt divizorju ta' fuq il-bejt tar-rikorrenti, biex dawn jitnehhew ghaliex saru b'mod abbuziv vis-a-vis, **fi kliem l-intimati stess, il-"proprjeta tal-intimati"**. Dan jimmilta sew kontra din l-eccezzjoni preliminari tal-intimati, ghaliex ma jistghux fl-istess nifs jippretendu li m'humiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza ghaliex m'humiex il-proprjetarji tal-fond in kwistjoni, imbaghad jippretendu illi ghandhom l-interess guridiku necessarju sabiex jintavolaw kontro-talba, fejn issa qed jippretendu li huma l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni, b'mod ghalhekk li ghal kollox jikkontradici l-eccezzjoni preliminari taghhom.

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimati ittrasferew il-mezzanin ta' fuq lil binthom u zewgha, huma baqghu proprjetarji tal-mezzanin t'isfel, u l-bitha illi sservi l-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Ghalhekk bl-ebda mod ma' jista' jinghad illi l-intimati m'humiex il-legitimi kontradittturi f'din l-azzjoni.

Pero, l-fatt illi terzi huma proprjetarji tal-mezzanin ta' fuq, izda m'humiex parti minn din il-kawza, hija ta' relevanza kbira. L-ewwel nett dan ifisser illi l-gudizzju m'huwiex integru, ghaliex hemm terzi persuni illi ghandhom interess guridiku u legittimu fl-ezitu ta' din il-kawza.

Il-Qorti tqis illi t-tieni talba tar-rikorrenti titlob ghat-twaqqiegh tal-proprieta' tal-intimati, li sovrastanti ghaliha, **hemm proprieta' ta' terzi – cioe bint l-intimati u zewgha.**

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm ir-rikorrenti ilhom jafu ghal numru ta' snin illi l-mezzanin ta' fuq l-intimati jappartjeni lil terzi persuni li mhux parti f'din il-kawza, baqghu ma talbux il-kjamata in kawza taghhom. Pero, skont il-ligi, ordni ghal kjamat in kawza ta' terza persuna, jista' jsir anke jekk ma jkunx hemm talba f'dak is-sens minn wahda mill-partijiet fil-kawza. Fil-fatt, l-Artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

> ***"Tista' wkoll terza persuna, b'digriet tal-Qorti, f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tiġi msejħa f 'kawża miexja bejn partijiet oħra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' waħda mill- partijiet kemm ukoll mingħajr dik it-talba."***

Mid-dicitura ta' dan l-Arikolu, u anke tal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, huwa car illi sejha fil-kawza ta' terza persuna tista' ssir **ex officio** mill-Qorti, meta l-Qorti tkun tal-opinjoni illi din hija mehtiega sabiex il-gudizzju jkun integru u jigu evitati multiplicita ta' kawzi fuq l-istess mertu.[1] Tant huwa accettat fil-gurisprudenza Maltija illi l-kjamata in kawza tista' ssir ex officio mill-Qorti, illi il-Qorti Kostituzzjonali sahansitra laqghat argument illi l-Qorti ghandha dover li tordna l-kjamata in kawza ta' terza persuna meta jirrizulta illi tali kjamata in kawza tkun necessarja, u n-nuqqas tal-Qorti illi tadempjixxi dan l-obbligu jista' jwassal ghan-nullita tal-proceduri anke jekk l-ebda wahda mill-partijiet ma kienet talbet il-kjamata in kawza ta' terza persuna.[2]

Is-sentenza **Direttur Generali ta' l-Avjazzjonji Civili vs Panta Contracting Limited et** deciza **fit-18 ta' Novembru 1998** per **Onor. Imh. Raymond Pace** iddelinjat diversi principji u cirkostanzi li fihom gie amess b'success kjamat f'kawza bejn partijiet ohra :-

1. ***"In linea tradizzjonali sabiex ikun hemm integrita tal-giudizzju, b' mod li l-presenza ta' tali terza persuna tkun indispensabbli ghar-***

1 Vide per ezempju **Vincen Agius pro e noe vs Mario Borg e,** Prim'Awla al-Qori Civili deciza 28 a' Marzu 2003.
2 **Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr. Lawrence Gonzi et vs Kummissjoni Elettorali et**

***re-integrazzjoni u kompletezza tal-proceduri.***

**2.** ***Ricentement kien hemm diversi kazi fejn giet ordnata il- kjamata in kawza anke jekk il-giudizzju kien integru, u dan sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet ta' min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja u li aktar warajha iggib azzjoni ohra, bhala konsegwenza taghha (Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru 1991).*"**

L-istess sentenza osservat illi l-Istitut tal-Kjamat in Kawza gie utilizzat mill-Qrati Maltin sabiex jinkludi cirkostanzi fejn jew sabiex:

(a) **jigu evitati multiplicita ta' kawzi u gudizzji: "Alfred Zammit Cutajar vs Joseph Formosa" (App.Civ. 26 ta' Gunju 1961);**

(b) **tigi evitata possibilita ta' giudizzji konfliggenti u rikorsi ghar-rifuzzjoni - "A.J.C. Barboro vs Camelo Mallia" (App. Civ. 26 t'Ottubru 1956);**

(c) l-interess tal-konvenut verso terza persuna jigi protett – "Joseph Calleja vs Av. Joseph Micallef et noe" (Prim Awla. 11 ta' Marzu 1952);

(d) ikun fl-interess ta' terza persuna u l-attur, sabiex il-giudizzju jigi osservat sew - "Anthony Cini vs Joseph Demanuele" (App.Civ. 8 ta' Frar 1946)".

Fis-sentenza **"Anthony Azzopardi et vs Calcedonio sive Donald Attard et"** deciza **mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997,** dik il-Qorti irriteniet**:**

***"Il-kjamata in kawza hija kostitwita mill-interess tal-persuna li tkun u malli jigi rikonoxxut dan l-interess, il-Qorti ghandha d-dover li tordnah".***

***"L-interess mehtieg biex jiggustifika dan il-provvediment huwa dak stess li huwa rikjest bil-ligi biex tigi proposta azzjoni jew biex tista'***

*tigi opposta kontestazzjoni. Imma dan l-interess jista' jkun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, ikun jista' jizviluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur".*

**(Vide ukoll Joseph Cassar vs George Pace pro. et. nomine deciza fis-6 ta' Ottubru 2000,mill-Qorti tal-Appell vol LXXXIV PT.II Sez.I Pt.III a fol 1169;** ***Joseph Riolo pro. et noe vs Carmel Muscat et - App. Civ. 15 ta' Novembru.1991 ;*** **Michael Cutajar proprio et nomine Vs S.C. & Company Limited deciza fit-8 ta'Ottubru 2004 per Onor. Imh. Geoffrey Valenzia u kif ukoll Saviour Borg et. vs Joseph Degiorgio et. deciza fl-1 ta'Lulju 1999 per Onor. Imh. Raymond Pace)**

Il-Qorti tqis illi fil-kaz in ezami hija necessarja l-kjamata in kawza ta' Lucienne Borg xebba D'Amato u Edric Borg ikkonsidrat il-fatt illi johrog ampjament mill-provi illi dawn il-persuni huma l-proprjetarji tal-mezzanin sovrastanti ghal dak tal-intimati, li jista jkunu milquta' bl-effett ta' din il-kawza fil-kaz ta' ezitu favorevoli ghar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati, tordna ex officio l-kjamata in kawza ta' Lucienne Borg xebba D'Amato u Edric Borg u konsegwentement tordna n-notifika lilhom tar-rikors guramentat, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza u l-appuntament tal-kawza, u takkorda lil Lucienne Borg xebba D'Amato u Edric Borg ghoxrin gurnata zmien min-notifika sabiex jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

Spejjez riservati ghal vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**